**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta’ Marzu, 2018

Rikors Nru : 17/18 AL

**AB**
**U**
**CDE**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew:

Illi r-rikorrenti zzewgu nhar l-ghoxrin (20) ta’ Awwissu tas-sena elf disa` mija u disgha u disghin (1999), gewwa r-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta u li minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed, li llum ghandu tmintax-il sena (18).

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn ma xulxin sa mis-sena elfejn u tmienja (2008) skond ma jirrizulta mill-anness att ta’ separazzjoni konsenswali, ippublikat min-nutar Dottor Andre Farrugia

nhar l-14 ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008), kopja ta' liema kuntratt qieghed jigi hawn annessa u esbita bhala **Dok. A**.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljament stante li minbarra l-fatt illi issa ilhom disa` snin legalment separati minn ma xulxin, il-partijiet ghandhom ukoll hajja totalment separata minn ma xulxin.

Ill in oltre, ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward tal-hlas tal-manteniment, la dak pagabbli versu l-mara galadarba l-partijiet irrinunzjaw ghal dan id-dritt fi klawsola numru sitta (6) tal-att relattiv, u lanqas dak li r-rikorrent jissomministra ghat-trobbija ta' ibnu, stabbilit permezz 4(b).

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja l -hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Jannar, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-14 ta' Jannar, 2008;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.